A.L. 130 ta' l-2007

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Regoli ta' l-2007 li jemendaw ir-Regoli dwar Kreditu ta' Taxxa li jingħata lil Nisa li Jirritornaw għal Impjieg

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 96 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu Regoli ta' l-2007 li jemendaw ir-Regoli dwar Kreditu ta' Taxxa li jingħata lil Nisa li Jirritornaw għal Impjieg, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regoli ta' l-2005 dwar Kreditu ta' Taxxa li jingħata lil Nisa li Jirritornaw għal Impjieg, hawn iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-regoli prinċipali".

A.L. 110 ta' l-2005.

(2) Dawn ir-regoli japplikaw mis-sena ta' stima 2008.

Żieda ta' regola ġdida 1A mar-regoli prinċipali.

2. Minnufih wara r-regola 1 tar-regoli prinċipali, għandha tiżdied ir-regola ġdida li ġejja:

"Tifsir.

1A. F'dawn ir-regoli:

"impjieg" tfisser impjieg kemm bħala impjegata kif ukoll bħala persuna li timpjega lilha nnifisha:

Iżda l-impjieg għal mill-anqas erbgħa u għoxrin xahar konsekuttiv kif imsemmi fir-regola 2 għandu jfisser biss impjieg bħala impjegata.".